Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,961, 18 ta' Novembru, 2022
Taqsima B

A.L. 297 tal-2022

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2022 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2019 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2019 għall-Gradi ta' Bachelor of Commerce – B. Com. – u Bachelor of Commerce (Honours) – B. Com. (Hons) – taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Ekonomija, il-Management u l-Accountancy

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74 (5) u 75 (6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tal-Ekonomija, il-Management u l-Accountancy bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81 (1) (ċ) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81 (2) ta' dak l-Att:

It-Titlu

1. Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2022 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2019 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2019 għall-Gradi ta' Bachelor of Commerce - B.Com. - u Bachelor of Commerce (Honours) - B.Com. (Hons) - u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mal-Ordinamenti tal-2019 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2019 għall-Gradi ta' Bachelor of Commerce - B. Com. - u Bachelor of Commerce (Honours) - B. Com. (Hons) - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Ekonomija, il-Management u l-Accountancy, ippubblikati bħala Avviż Legali 290 tal-2019, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew minn Ottubru, 2022 jew wara.

L-Emenda għall-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali

3. Minflok il-paragrafu (2) tal-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(2) Il-Grad bl-Unuri jingħata fil-Commerce bħala Qasam ta' Studju Ewlieni bl-Unuri flimkien f'wieħed mill-oqsma ta' speċjalizzazzjoni li ġejjin:

Banking and Finance, jew kwalunkwe qasam ieħor approvat mis-Senat fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord."

L-Emenda għall-ordinament 6 tal-ordinamenti prinċipali

4. Minflok l-ordinament 6 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"6. Il-programm ta' studju għall-Grad għandu jikkonsisti minn taqsimiet studju li għalihom hemm assenjati 180 krettu ECTS."

L-Emenda għall-ordinament 7 tal-ordinamenti prinċipali

5. Minflok l-ordinament 7 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"7. (1) L-istudenti huma meħtieġa jagħżlu żewġ oqsma ta' speċjalizzazzjoni mill-oqsma speċifikati fil-paragrafu (1) tal-ordinament 3, kif indikat fil-programm ta' studju għall-Kors."

(2) Suġġett għat-tibdiliet li l-Bord jista', bl-approvazzjoni tas-Senat, ikun kostrett li jagħmel, l-istudenti huma mitluba jsegwu it-taqsimiet studju u jiksbu l-kretti kif indikat fil-programm tal-Kors u fil-programmi ta' studju tal-oqsma ta' studju li qegħdin isegwu għall-Grad u għall-Grad bl-Unuri, sakemm li l-programmi tal-Kors u l-programmi ta' studju jiġu mfassla skont id-dispożizzjonijiet relevanti tal-Regolamenti Prinċipali."

L-Emenda għall-ordinament 10 tal-ordinamenti prinċipali

6. Minflok l-ordinament 10 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"10. L-istudenti jkunu eliġibbli biex jirreġistraw għall-Grad bl-Unuri jekk itemmu b'suċċess il-Kors għall-Grad u jkunu kkwalifikaw b'Kategorija II jew aħjar, u jkunu kisbu marka medja minima ta' 60% fit-taqsimiet studju tal-qasam ta' speċjalizzazzjoni magħżul għall-grad bl-Unuri."

L-Emenda għall-ordinament 14 tal-ordinamenti prinċipali

7. Minflok il-paragrafu (1) tal-ordinament 14 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"14. (1) Il-Marka Medja Finali Mwieżna għall-klassifikazzjoni tal-Grad għandha tkun ibbażata fuq ir-riżultati miksuba fit-tlett snin tal-Kors għall-Grad, bil-kretti kollha jingħataw l-istess piż."